<u>**Minuti tat-tielet laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**</u>

It-tielet laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* s-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi *Chairperson* s-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew approvati unanimament

**Item 3 – Affarijiet mill-Minuti**

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-proposta li saret fil-laqgħa ta' qabel biex tiġi mdawla aħjar Triq il-Bumunqar u qal li kien mar fuq il-post biex jara aħjar is-sitwazzjoni preżenti u qed jipproponi li l-Kumitat jitlob l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta biex titwaħħal bozza fi Triq il-Ramillies ma Triq il-Bumunqar. Is-Sinjura Debattista issekondat il-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tintalab din l-approvazzjoni.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li titnaddaf l-*entratura* ta' Triq l-Għakrux u jinżabru s-siġar tat-tin li hemm f'din il-parti tat-triq u maġenb il-*playing field* li hemm fl-istess triq

Is-Sur Clews irrefera għal proposta li saret fil-laqgħa preċedenti ta' dan il-Kumitat biex tiġi mdawwra b'ħajt art tal-konkos li hemm maġenb il-*pitch tan-nets* fi Triq San Leonardu u li sservi bħala post ta' *rikreazzjoni*. Is-Sur Clews ippropona li biex din l-art ma tkunx viżibilment magħluqa b'ħajt tal-ġebel fi spazju limitat, għandha tinġieb stima, biex minflok, din l-art tiġi mdawwra b'*hedges* li jsebbħu l-ambjent ta' madwar dan il-post. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Dwar il-biċċa *road hump* li għad hemm fi Triq San Leonardu, is-Sur Clews ippropona li l-parti tat-tarmak li tħalla meta tneħħiet din ir-*road hump* għandha titneħħa u tiġi mranġata biex din ma tkunx aktar ta' periklu. Is-Sinjura Debattista ssekondat lis-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Item 4 – Korrispondenza**

Inqrat ittra li l-Kumitat kiteb lill-Kap Eżekuttiv ta' Smart City Malta dwar il-possibbiltà li jiġi ffinanzjat proġett minn din il-kumpanija f'St Peter's.

Inqrat korrispondenza li ntbagħtet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar art li hemm fi Triq l-Għakrux li l-Kumitat jixtieq li tiġi żviluppata f'post ta' rikreazzjoni

**Item 5 – Affarijiet Oħra**

Dwar il-proġett Smart City Malta u l-iżvilupp li minnu jolqot lir-residenti ta' St Peter's, is-Sur Clews tkellem dwar il-ġemgħa djar li ser jinbnew viċin ir-residenzi f' St Peter's u saħaq dwar l-importanza li wara li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni il-kumpanija Smart City Malta għandha tara li tagħmel għas-spejjeż tagħha bankina ġdida quddiem id-djar li jinbnew.

Is-Sur Farrugia reġa semma l-ħtieġa li jiġu mnaddfa *plots* vojta li hemm f'numru ta' toroq f'St Peter's, fosthom fi Triq l-Għakrux u fi Triq il-Farfett tal-Lejl. Is-Sinjura Debattista reġgħet semmiet b'mod partikolari l-art mitluqa li hemm fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fir-4 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru, 2010.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*